KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 396 (8-24)

It-Tnejn 31 t'Awwissu 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Viċi Sindku Rodianne Haber

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**396.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Viċi Sindku Rodianne Haber.

**396.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 395. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**396.2.1** (395.3.4) Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li meta tiġi implimentata il-*one way*, hemm bżonn li għal ċertu żmien isir infurzar speċjalment minħabba trakkijiet kbar tal-barrieri li jgħaddu minn dik iż-żona.

**396.2.2** (395.8) B'referenza għat-tibdil fir-responsabiltajiet tal-Kunsilliera, il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet dwar il-kontinwazzjoni ta' proġetti pendenti bħal proġett Achievers u LC Care li kienet ħadmet fuqhom peress li kienu taħt ir-responsabilta' tagħha. Is-Sindku qal li għandha tagħti handover ta' dawn il-proġetti lill-Kunsillier responsabbli biex titkompla l-ħidma fuqhom.

**396.2.3** (395.13.4) Is-Sindku qal li qed ikun hemm infurzar mill-LESA f'diversi żoni fejn isir abbuż ta' rimi illegali fosthom Tal-Providenza, ħdejn il-bring in site fi Triq Salvu Borg Olivier u anka f'toroq fejn jidħlu spiss ilmenti.

**396.2.4** (395.13.13) Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li din il-ħsara għadha ma ssewwietx u talbet li terġa' tiġi irrapurtata.

**396.2.5** (395.5) Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet x'kien sar mir-Rural Policy li kellha tiġi diskussa f'laqgħa pubblika. Hi qalet li tifhem li ma setgħetx isir laqgħa pubblika fiżika fil-binja tal-Kunsill Lokali minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija, imma l-Kunsill Lokali għandu jsib mezzi kif jikkomunika u jiftaħ djalogu pubbliku permezz tal-internet fuq din l-materja. Is-Sindku qal li l-laqgħa pubblika ma kienx possibli li ssir preżentement u kkonferma li l-Kunsill Lokali kien bagħat ir-rejazzjoni tiegħu lill-awtoritajiet fil-ħin.
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li bħala kunsilliera ma kienux ġew infurmati li ntbagħtet din s-sottomissjoni u li din ma ġietx ċirkolata lill-kunsilliera. Hi qalet li l-minuti jikkonkludu li kellha ssir laqgħa pubblika u ma jurux li kien hemm konkluzjoni ta' xi dokument mid-diskussjoni. Alessia Psaila Zammit qalet li l-minuti ma jindikawx x'punti ressqu l-perit u kull kunsillier għalhekk wieħed la jaf x'kienet l-konkluzzjoni mill-laqgħa u lanqas jekk dak li ddaħħal fis-sottomissjoni jirriflettix dak diskuss.
Is-Sindku talab li jiġi anness ir-rapport tal-Perit mal-minuti 395.

**396.2.6** Il-Kunsilliera qalet li fl-aħħar Seduta kienet assenti b'apoloġija, u minn dak imnizzel fil-minuti ma tafx x'kien diskuss u x'punti kienu preżentati ħlief li kellu jkun hemm laqgħa pubblika. Hija qalet li ma tistax taqbel mas-sottomissjoni jekk ma tafx il-punti x'kienu. Is-Sindku wieġeb li dak li tnizzel huwa dak diskuss u maqbul minn min kien preżenti fis-Seduta. Il-Kunsill qabel li pożizzjonijiet bħal dawn jiġu ċċirkolati lill-kunsilliera qabel jintbagħtu.

**396.2.7** (395.3.3) Is-Sindku qal li s-sottomissjoni tinsab sospiża minn naħa tal-applikant. Peress li mhux rakkomandat issir laqgħa pubblika minħabba s-sitwazzjoni preżenti, ser jintalbu id-dokumenti tas-sottomissjoni lill-Periti tal-applikant. Id-dokumenti jiġu ċċirkolati lill-Kunsilliera kif ukoll lill-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu evalwati u diskussi.

**396.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**396.3.1 Park u lattrina f'Għar Lapsi**

Is-Sindku informa li issa l-park u l-lattrina ta' Għar Lapsi ġew miftuħa għall-pubbliku. Huwa qal li ġie imwaqqaf is-servizz ta' mobile toilets. Is-Sindku informa li peress li t-tender għal ftuħ u tindif tal-lattrini għadu fil-proċess qed jintalbu kwotazzjonijiet għal żmien definit. Sadanittant, bħalissa il-lattrina qed jieħu ħsiebha ħaddiem tal-CWS bħala parti minn xogħlu u dan mingħajr ħlas żejjed. Is-Sindku qal ukoll li qiegħed f'komunikat mal-Ministeru tat-Turiżmu rigward il-possibilta' ta' attendant peress li Għar Lapsi huwa meqjus bħala żona turistika.
Is-Sindku qal ukoll li għad hemm xi nuqqasijiet fosthom nuqqas ta' dawl. Fil-jiem li ġejjin ser tiġi installata sistema ta' CCTVs biex il-post jiġi sorveljat minħabba valdaliżmu. Il-Kunsill applika għal finanzjament ta' €2000 mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar.

**396.3.2 Post Vakanti ta' Clerk (Scala 15)**

Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 24 t'Awwissu 2020, l-applikanti ġew imsejħa għal *interview*. Kien hemm totali ta' erbgħa, li minnhom tnejn ma attendewx u lanqas avżaw li mhux ser jattendu. Tnejn oħra attendew l-interview. Is-Sindku qal li peress li l-pożizzjoni ta' *front office/customer care* hija fundamentali għall-ħidma tal-Kunsill, il-bord ta' evalwazzjoni ħass il-ħtieġa li ikun hemm iktar applikanti minn fejn tista' ssir l-għażla għall-kandidat u li għalhekk is-sejħa tinfetaħ pubblika, filwaqt li ż-żewġ kandidati li attendew ma jiġux eliminati u jiġi evalwati mal-oħrajn. Il-Kunsill unanimament qabel li l-proċess jgħaddi għal pass suċċessiv.

**396.3.3** Is-Sindku qal li mhux kuntent bl-andament tax-xogħol mill-ħaddiema assenjati. Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mat-tliett ħaddiema, anka fil-preżenza tal-*contracts manager*, fejn ġie miftiehem li ser jaħdmu flimkien jew individwali skond il-bżonn, u skond il-*work plan* li tinħareġ mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku eżieġa mal-ħaddiema biex iżommu l-ħin kif suppost biex b'hekk jagħtu ammont ta' xogħol sodisfaċenti. Huwa qal li ser ikun qed isegwi l-ħaddiema u l-andament tax-xogħol personalment.

**396.3.4** Is-Sindku rrefera għat-talba ta' għajnuna finanzjarja mill-grupp tal-Armar datata 15 t'Awissu għal spejjeż relatati mal-attivita' tal-mixgħela, liema attivita' din is-sena ma saritx minħabba l-pandemija. Il-Kunsillier Julian Borg semma li diġa kien hemm talba simili mill-Għaqda Brass Band fejn il-Kunsill talabhom jelenkaw xi spejjeż għamlu, u liema talba ma ġietx milqugħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li f'Seduta preċedenti l-Kunsill qabel li l-ispejjeż li din is-sena ma intefqux għal attivitajiet ġew kommessi għal proġett ta' restawr ta' monumenti.

**396.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**396.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar il-proġett tar-restawr tal-istatwa ta' San Nikola, min ser jagħmel ix-xogħol u min ser ikun il-Perit li jissorvelja. Is-Sindku qal li x-xogħol ser isir b'sejħa għal tender. Ix-xogħol ser ikun solverjat mill-Perit tal-Kunsill, assistit minn esperti fuq-restorazzjoni. Il-Kunsillier Julian Borg xtaq li jkollu iktar dettalji dwar l-*ispecifications* tat-tender tax-xogħlijiet.

Dwar l-istess proġett, il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet jekk sarx studju tal-ġebla tal-monument, u jekk ġiet stabbilit min hu s-sid tal-monument. Il-kunsillier Kurstein Sant, bħala ex-Sindku wieġeb li diġa kien hemm konsultazzjoni mill-fażi tal-applikazzjoni ma' esperti fir-restawr. Huwa qal li wara diversi stħarriġ li sar anka mal-Arċipriet, ma ġiex stabbilit is-sid u għalhekk, skond id-Dipartiment tal-Artijiet, f'dan il-każ jiġi propjeta' tal-Gvern. Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet hix qed issir konsultazzjoni mal-Grupp Patrimonju Siġġiewi. Is-Sindku wieġeb li ser jinżamm kuntatt ma' min hu interessat, inkluż il-Patrimonju Siġġiewi u l-Grupp tal-Armar.

**396.4.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia irreferiet għal *post* fuq il-*facebook page* tal-Kunsill dwar il-proġetti approvati tal-Gal Majjistral u ġibdet l-attenzjoni li fil-post kien hemm ħafna dettell espost fosthom l-ittra ta' approvazzjoni bil-firem. Is-Sindku qalet li dawk l-ittri kienu ġew pubblikati fuq il-f*acebook* tal-GAL Majjistral u għalhekk tpoġġiet kopja fuq il-*facebook page* tal-Kunsill biex tingħata l-istess prominenza.

**396.4.3** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa għaliex il-Minority group ma ġiex inkluż mal-iskeda ppublikata fuq il-*facebook page* tas-sindku tal-erbgħa Kunsilliera tal-PL. Huwa staqsa x'inhi l-motivazzjoni u għaliex ġew esklużi.
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ir-risposta tas-Sindku fuq il-facebook li hi kienet mistoqsija f'isem il-Minority group jekk iridux jidħlu fl-iskeda u ma wrietx interess hija gidba. Qalet ukoll li din il-mistoqsija kellu jagħmilha lis-seba' Kunsilliera iżda hu ddeċieda li t-tlett Kunsilliera tal-PN jitħallew barra. Hija qalet li dawn l-appuntamenti qed isiru tramite l-amministrazzjoni tal-Kunsill u fil-binja tal-Kunsill u għalhekk huwa dmir tiegħu bħala Sindku li l-Kunsill ikun involut kollu u mhux il-Kunsillier ta' partit politiku biss, għax hu bħala Sindku qiegħed jirrappreżenta lill-Kunsill u mhux lill-partit.
Is-Sindku wieġeb li bħal ma diġa tenna, il-bieb miftuħ għal kulħadd irrilevanti l-partit politiku għax jemmen li bħala sindku jaħdem għal ġid tas-Siġġiewi u mhux tal-partit.
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet il-pożizzjoni tas-Sindku dwar l-inklużjoni ta' skeda biex jiġi inkluż kulħadd. Is-Sindku qal li ser iżomm l-istess pożizzjoni.

**396.4.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia irreferiet għal post fuq il-paġna facebook tal-Kunsill fejn il-Viċi Sindku qegħda tagħmel preżentazzjoni fuq inizjattiva personali, fil-binja tal-Kunsill u fil-veste ta' Viċi-Sindku, fejn għal dan l-avveniment kien preżenti wkoll is-Sindku. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet li jiġu ċċarati jekk avvenimenti bħal dawn jistgħux isiru u jiġu reklamati fuq il-paġna facebook tal-Kunsill.

**396.4.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għal post fuq il-paġna facebook tal-Kunsill dwar laqgħa li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mat-TCTC rigward korsijiet, fejn hi bħala Kunsilliera responsabbli mill-edukazzjoni ma kienetx mistiedna. Is-Sindku qal li kien irċieva stedina għal laqgħa mis-Sur Abela bħala Sindku u ġew mistħarrġa opzjonijiet biex jiġu organizzati korsijiet ta' tagħlim tal-kompjuter online, anka f'dan iż-żmien diffiċli fejn il-Kunsill kellu jwaqqaf il-korsijiet milli jsiru. Huwa qal li b'kollaborazzjoni ma' TCTC, il-Kunsill jista' joffri korsijiet online issusidjati biex jibbenefikaw ir-residenti Siġġiwin. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera Francine Farrugia li TCTC għandhom jibagħtu iktar informazzjoni dwar dan.

**396.5** **Proġetti taħt Miżura 1 u Miżura 2 – Gal Majjistral**

**396.5.1** Is-Sindku infurma li l-proġett taħt Miżura 1 – *Restoration of Assets of Artistic and Cultural Value* bit-titlu *Preserving religious heritage* in Siġġiewi *through restoration* ġie eliġibbli għal finanzjament ta' €32,775.68. Dan il-proġett jikkonsisti fir-restawr tal-monument ta' San Nikola fil-Pjazza. Is-Sindku qal li l-permessi rilevanti inħarġu u li issa għandu jibda l-proċess biex jinħareġ it-tender.

**396.5.2** Is-Sindku informa li l-proġett tal-Kunsill taħt Miżura 2 bit-titlu *Putting light on our cultural heritage* ġie eliġibbli għal finanzjament ta' €7873.40. Il-proġett jikkonsisti

f'xiri ta' dwal u *cable protectors* li jiġu użati f'attivitajiet tal-Kunsill.

**396.6 Programm ta' ħidma tal-Kunsilliera**

**396.6.1 Infrastruttura**

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li flimkien mas-Sindku qed iduri diversi kwistjonijiet pendenti tat-traffiku fosthom il-proposta ta' *traffic management* fi Triq it-Tabib Nikola Zammit u l-inħawi kif ukoll biex isir pjan holistiku mas-Siġġiewi kollu. Huwa qal li qed jara wkoll l-ilmenti li jirrigwardaw tranġar ta' bankini u jitkompla l-eżerċizzju ta' bdil ta' tabeli tat-traffiku u *refreshing* ta' sinjali f'diversi toroq.

**396.6.2 Indafa**

Il-Kunsillier Farrugia qal li flimkien mas-Sindku qed jiltaqa' mal-kuntratturi li jiprovdu servizzi tat-tindif biex jiddiskuti diversi problemi komuni. Huwa qal li l-Kunsill irid ikompli b'kampanja edukattiva kontra rimi illegali u anka jsiru kampanji edukattivi li jolqtu lil kull eta'.

**396.6.3 Ambjent Urban**

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li ser jiffoka fuq ħidma sfieqa mar-residenti biex jitqajjem kuxjenza ambjentali. Il-Kunsillier Sant qal li l-iskop li issir kampanja edukattiva li tolqot etajiet differenti minn tfal tal-iskola sa anzjani kif ukoll diversi clean-ups fejn jiġu involuti għaqdiet u individwi. Huwa qal li ser ikompli l-kampanja għaż-żieda ta' siġar indiġeni fil-lokal, manutenzjoni u possibilment ħolqien ta' żoni miftuħa.

**396.6.4 Sport**

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li fir-rigward ta' sport il-pjan hu li flimkien mat-tlett għaqdiet sportivi fis-Siġġiewi jiġu organizzati diversi attivitajiet bħala promozzjoni tal-isport għal ħajja aħjar. Huwa qal li b'koordinazzjoni tal-għaqdiet jinfetaħ il-ground għal użu pubbliku bħala inċentiv.

**396.6.5 Saħħa**

Il-Kunsillier Kurstein Sant propona li jiżdiedu is-servizzi li jingħataw fil-berġa tal-lokal u anka jissaħħu dawk eżistenti, ikompli jingħata l-vaċċin tal-influwenza u jinħolqu iktar attivitajiet li jolqtu kull eta'

**396.6.6 Kultura**

Il-Kunsillier Sant qal li ser ikompli jsegwi mal-Awtoritajiet il-kwistjoni tal-Kappella tas-Salib tal-Għolja biex tiġi salvagwardjata. Huwa semma proġett ta' restawr tal-monumenti u niċeċ fil-lokalita', kif ukoll il-proġett ta' restawr tal-istatwa ta' San Nikola tal-Pjazza. Huwa pjanat li ċ-Ċentru Ċiviku jintuża bħala hub għal esibizzjonijiet kulturali, isiru ħarġiet u diskussjonijiet kulturali biex jiġi imferrex l-għarfien kulturali dwar il-partimonju lokali.

**396.6.7 Turiżmu**

Il-Kunsillier Sant semma żidiet fis-servizz turistiċi fil-bajja ta' Għar Lapsi u l-possibilta' ta' promozzjoni tas-Siġġiewi għal agri-turiżmu.

**396.6.8 Ambjent Rurali, Għar Lapsi u ħarsien tal-widien**

Il-Kunsillier Julian Borg semma pjan ta' tisbiħ u manutenzjoni ta' dan li diġa għandna fl-ambjent rurali. Huwa semma *upgrading* ta' ċerti żoni inkluż żieda fis-siġar biex l-ambjent rurali jkun jista jitgawda iktar minn nies. Huwa semma l-importanza li l-kunsill ikompli japplika għad-diversi skemi biex jinġiebu fondi għal proġetti ambjentali, turistiċi u edukattivi, kif ukoll pjan ta' għajnuna lill-bdiewa li jgawdu minnu fit-tul.

**396.6.9 Innovazzjoni**

Il-Kunsillier qal li d-dekasteru 'Innovazzjoni' huwa vast wisq u jiġi amalgamat ma'

responsabiltajiet oħra fosthom ambjent, infrastruttura u anka mad-diversi proġetti li jistgħu ikunu innovattivi.

396.6.10 **Pjanar**

Il-Kunsillier Borg qal li qed isegwi l-applikazzjonijiet li jkun haw fis-Siġġiewi.

396.6.11 **Komunitajiet, Qasam Soċjali u Integrazzjoni Soċjali**

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zamit saħqet fuq l-importanza ta' komunikazzjoni u konsultazzjoni kontinwa mar-residenti dwar proġetti soċjali, speċjalment proġetti kbar ta' interess lokali. Qalet ukoll dwar komunikazzjoni u koperazzjoni mal-għaqdiet, kif ukoll involviment fl-attivitajiet u l-ħidma tal-Kunsill.
Il-kunsillier Psaila Zammit semmiet l-istudju soċjali-demografiku li għandu jsir mill-Kunsill Reġjonali għal kull lokalalita', kif ukoll studju dwar il-bżonnijiet u ħtiġijiet dwar il-migrazzjoni u integrazzjoni kif tolqot il-lokalita', issues relatati maċ-ċaqlieq tar-residenti, organizzazjoni ta'seminars u konferenzi b'temi soċjali u edukattivi.

396.6.12 **Edukazzjoni, Persuni b'Diżabilta', Aċċessibilta' u Ugwaljanza**

Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet li peress li fis-sitwazzjoni preżenti il-korsijiet fil-binja tal-Kunsill kellhom jiġu sospiżi, qed tara l-possibilta' li jsiru sezzjonijiet virtwali. Hija semmiet idejat innovattivi b'kollaborazzjoni mal-iskola tal-lokal, fosthom krejazzjoni ta' kampanja edukattiva favur l-ambjent u għarfien tas-sinjali tat-traffiku f'diżenjar ta' senjaletika mit-tfal stess, workshops ma' diversi entitajiet, parteċipazzjoni fi proġetti Erasmus. Il-kunsilliera Farrugia rreferiet għall-White Paper 'Edukazzjoni għal Kulħadd', biex it-tagħlim ikun aċċessibbli għal kull eta' u anka għal persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll li jiġu identifikati żoni għal aktar aċċessibilta'.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li bħala pjan ta' integrazzjoni, posts, avviżi u komunikazzjonijiet mill-Kunsill għandhom ikunu mill-inqas b'żewġ lingwi għal barranin li ġew joqogħdu is-Siġġiewi, kif ukoll koperazzjoni ma' NGOs ta' barranin għal aktar ħidma flimkien.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia tat handover tal-proġetti pendenti li ħadmet fuqhom fosthom tal-LC care u Achievers. Hija qalet li l-Proġett Achievers diġa ġie approvat, filwaqt li l-applikazzjoni LC Care għadha pendenti.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia ħareġ mill-laqgħa fid-8.45 ta' filgħaxija.

396.7 **Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report – Marzu – Ġunju 2020**

Is-Sindku preżenta kopja tal-Quarterly Financial Report għat-tieni kwart tas-sena, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti spjegazzjoni.

Is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit issekondat.

Ir-rapport kif preżentat ġie approvat.

396.8 **Sistema ta' pagamenti mill-1 ta' Settembru 2020**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-ewwel ta' Settembru, il-Bank introduċa tariffi ġodda u oħrajn addizjonali fuq ċekkijiet kemm li jinħarġu u anke biex jissarrfu, u għalhekk il-Kunsill qed jadotta sistema ta' ħlas permezz ta' *online transactions.*

Għal dan il-għan qed titlob l-awtorizżazjoni tal-Kunsill sabiex ikun hemm 3 internet keys, waħda għal membru tal-istaff li jkollha aċċess tlesti t-transazzjonijiet (biss), li

mbagħad jiġu awtorizzati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

Hija assikurat li dan huwa mod sigur u trasparenti bħal ma kien il-ħruġ taċ-ċekkijiet. Qalet ukoll li l-amministrazzjoni qed tħeġġeġ lill-pubbliku biex possibilment ma jagħmlux ħlasijiet b'ċekkijiet biex ma jeħlux tariffi żejda, u biex il-ħlasijiet isiru kemm jista' jkun bi ħlas elettroniku.

Is-Sindku propona li tiġu adottata din is-sistema.
Il-Kunsillier Julian Borg issekonda.
Il-Kunsill unanimament approva.

**396.9** **Talba mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar konċessjoni ta' art lil terzi fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku irrefera għal komunikat mid-Dipartiment tal-Artijiet rigward sit fi Triq Mons Mikiel Azzopardi (File L/1195/1963). Id-Dipartiment infurma lill-Kunsill li hemm talba minn terzi għal din l-art, u qed jitlob jekk hemmx interess mill-Kunsill biex din l-art tiġi devoluta lilu.

Il-kunsillier Kurstein Sant qal li fil-kariga tiegħu ta' Sindku kien qed jara l-possibilta' li din l-art tiġi devoluta lil Kunsill u tiġi żviluppata f'żona pubblika bi tħawwil ta' siġar u bankijiet.

Is-Sindku propona li jiġu infurmati id-Dipartiment tal-Artijiet li l-Kunsill għandu interess jiġi devolut din l-art u jibda immedjatament il-proċess.

Il-Kunsillier Kurstein Sant issekonda.
Il-Kunsill unanimament qabel.

**396.10** **Talba għall-iffirmar ta' ftehim għal-liċenzja tas-Siġġiewi Active Ageing Centre**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub mis-Social Care standards Authority biex jidħol f'liċenzja konġunta mal-Active Ageing and Community Care għaċ-Ċentri tal-Anzjani. Huwa qal li għalkemm l-AAC jopera miċ-ċentru Ċiviku għal dawn l-aħħar snin, din hija l-ewwel darba li qed tintalab tali liċenzja. Għalkemm id-day centre jopera miċ-Ċentru Ċiviku dan huwa operat kompletament mill-AACC u għalhekk, jara li l-Kunsill m'għandux jidħol għal tali responsabbilta'. Is-Sindku qal li intalab il-parir legali tal-Avukat, li wara li eżamina kemm il-ftehim li l-Kunsill għandu iffirmat mal-AACC u anka id-draft tal-ftehim tal-liċenzja, jissuġġerixxi li l-Kunsill m'għandux jidħol bħala 'Legal Responsible person'. Il-Kunsill unanimament qabel li tintbagħat ittra mill-Avukat f'dan is-sens.

**396.11** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**396.11.1** *PA/5246/20 Quarry No 71, Triq ta' Wied Hanzir, Siggiewi*
Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni fuq din l-applikazzjoni għall-estensjoni ta' barriera. Huwa qal li estensjoni taffetwa ir-raba tal-madwar. Is-Sindku propona li l-Kunsill jitlob lill-perit tal-Kunsill jipprepara sottomissjoni biex jiġu salvagwardjati kemm ir-residenti kif ukoll il-bdiewa tal-madwar. Il-Kunsill unanimament qabel.

**396.11.2** *PA/05282/20 Site, adjacent to Slipway, Triq ix-Xaghra tal-Gzira U ta' Ghar Lapsi, Ghar Lapsi, Siggiewi, Repairs on an existing damaged masonry structure and to*

*extend existing concrete deck in order to protect the side of the slipway structure from further sea erosion.*
Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni dwar użu ta' concrete. Hu propona li jiġu esplorati metodi oħra biex tiġi rranġata l-islip way u li tissalvagwardja l-blat u l-ambjent eżistenti. Il-Kunsillier Kurtsein Sant qal li f'laqgħat fuq il-post ma' Infrastructure Malta, li ser jagħmlu x-xogħol, kienu ġew ikkunsidrati diversi opzjonijiet iżda minħabba il-qilla tal-baħar f'dik iż-żona l-aħjar opzjoni kien l-użu ta' concrete b'saħħtu. Huwa qal ukoll li diġa kien hemm ammont ta' konkos li kien tkisser mill-baħar.

**396.12 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**396.13 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**396.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila zammit ħarġet mill-laqgħa fid-9.30ta' filgħaxija.

**396.15 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**396.15.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm xi risposta rigward jekk Għar Lapsi hix klassifikata bħala *swimming zone* jew le. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

**396.15.2** Il-Kunsillier Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni rigward sinjali direzzjonali neqsin jew f'kundizzjoni ħażina speċjalment fit-tarf ta' Triq Mons. Mikiel Azzopardi minn naħa ta' Bur il-Kbir u minn naħa ta' Ħaż Żebbuġ.

**396.15.3** Hija ġibdet l-attenzjoni wkoll fuq sewqan b'veloċita' eċċessiva fi Triq il-Kbira u talba b'petizzjoni li kienu resqu r-residenti xi żmien ilu għall-installazjoni ta' *speed bumps* fl-istess triq., u anka sinjali ta' *slow* jew *speed limit.*

**396.15.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li sidien ta' għelieqi biswit ir-roundabout qabel tidħol għall-kappella tal-Providenza qed isibu diffikulta' biex jimmanuvraw bl-inġenji minħabba il-kobor eżaġerat tar-roundabout u talbu jekk hemmx xi possibilita li tiċċekken. Hija talbet li ssir spezzjoni mill-perit tal-Kunsill biex naraw jekk tistax tiċċekken u ssirilha *upgrade* biex anka tagħti dehra isbaħ.

**396.16 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fl-9.45 ta’ filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 ta’ Settembru 2020 fis-6.00 ta’ filgħaxija.  Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 28 ta’ Settembru 2020

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv